Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 541/2015

Il-Pulizja

Spettur Carmelo Bartolo

Vs

Denise Caruana

Illum 30 ta' Novembru, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Denise Caruana detenetrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 448387 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

is-16 ta' Ottubru 2014 u matul ix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer (1) bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandha, igighel, bl-awtorita' nnifisha, lil xi had ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew tfixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew thott bini, jew tikser il-mixi tal-ilma jew tiehu l-ilma ghaliha, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlet fi hwejjeg haddiehor meta hadet fil-pussess taghha ghad-detriment ta' Johan Fredrick Stellingwerf u dan bi ksur tal-artikolu 85(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-1 ta' Dicembru, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur.

Billi l-oggetti mitluba lura mill-kwerelant diga' gew elevati mir-residenza tal-imputata u jinsabu ezebiti in atti m'hemm l-ebda provvediment ulterjuri x'jigi ordnat fil-konfront tal-imputata.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Denise Caruan pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Dicembru, 2015, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogghoba tirrevoka s-sentenza appellata tal-1 ta' Dicembru, 2015 profferita mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tehlisa minn kull imputazzjoni u piena sabiex b'hekk issir gustizzja skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanta Denise Caruana huma s-segwenti w cioe':-

Illi s-sentenza li minnha qieghed jigi interpost dan l-umli appell hija zbaljata stante illi l-Ewwel Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni ta' l-elementi kostituttivi tar-reat ta' ragion fattasi. Illi kif gie ritenut f' diversi decizjonijiet (ara fost bosta ohrajn is-sentenzi ta' dina l-Qorti fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Salvatore Farrugia', 14 ta' Dicembru, 1957 u 'Il-Pulizija vs Michael Lungaro et', 15 ta' Dicembru, 2003), l-elementi ta' ragion fattasi huma:

1. Att estern li jispolja li xi haddiehor minn haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espresso jew presunta.
2. Il-kredenza li l-att qieghed isir b' esercizzju ta' dritt

3. Il-koxjenza fl-agent li hu qed jaghmel di private braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika
4. In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

Illi biex jissustitwixxi dan ir-reat, irid jigi pruvat l-erba' elementi u mhux xi wiehed minnhom. Illi kif jirrizulta mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni l-ebda wahda minn dawn l-elementi ma giet pruvata, u dan la direttament u lanqas cirkostanzjalment;

Illi fl-ewwel lok, l-imputata qatt ma hadet l-oggetti li qed jallega li hadet il-kwerelant. Tant hu hekk illi l-esponenti hija s-sid ta' dawn l-oggetti u jekk xejn kien ghamel uzu minnhom l-kwerelant fiz-znien illi huma kienu jghixu flimkien.

Illi kif spjegat l-Ewwel Qorti, sabiex jigi ppruvat ir-reat ta' ragion fattasi kull ma jrid huwa jekk il-kwerelant kellu pussess tal-oggetti. Illi kif jirrizulta mix-xhieda tieghu, fl-ebda hi nil-kwerelant spjega jew gab prova illi huwa kellu l-pussess, izda baqa' jsostni illi huwa s-sid tal-oggetti.

Illi kif ukoll gie esebit mill-prosekuzzjoni stess, l-kwerelant prezenta mandate ta' qbid fejn huwa indika l-oggetti indikati fil-kwerela tieghu stess bhala oggetti li huma tal-esponenti;

Illi l-esponenti hja tal-umli opinjoni illi l-Ewwel Qorti naqset milli tiehu kunsiderazzjoni ta' dan. Tant illi:

1. Il-kwerela xehed persisetentement illi huwa s-sid tal-oggetti indikati fil-kwerela tieghu, izda milli banda l-ohra huwa ma prezentax kwerela fuq serq, kif jekk xejn kellu jaghmel, izda il-kwerela indikat l-artikolu 85 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Mill-banda l-ohra, l-esponenti hija s-sid ta' dawn l-oggetti u ghalhekk jekk xejn l-kwerelant kien ghamel uzu minnhom. Illi bla ebda mod ma ngabet prova kuntrarju illi huwa kellu l-pussess ta' dawn l-oggetti.

Illi ghalhekk l-esponenti tishaq illi uzuz u pussess ma humiex l-istess haga.

Illi fit-tieni lok, kif jirrizulta mill-provi, l-oggetti dejjem kienu fir-residenza tal-esponenti u kien propju l-kwerelant illi halla l-oggetti li qed jallega li

huma tieghu fir-residenza tal-esponenti. Illi ghalhekk lanqas jista' jinghad illi l-kwerelant gie mcahhad mill-pussess tal-oggetti. Illi jekk xejn il-kwerelant kellu mezzi ohra moghtija lilu mill-ligi sabiex jiehu lura l-oggetti li jallega li huma tieghu u mhux l-azzjoni odjerna u dan ghaliex l-istess oggetti qatt ma kienu fil-pussess tieghu, izda dejjem kienu fil-pussess tal-esponenti.

Illi fl-ahharnett l-esponenti ma tistax ma tikkwerelax il-fatt illi l-veru motiv tal-kwerela kien ghal kollox wiehed kappriccjuz u vessatorju. Multo magis, meta wiehed iqis illi kif jidher car mid-data tal-kwerela, huwa kien gia gie akkuzat bi stupru fuq l-esponenti. Rispettozament, l-Ewwel Qorti ma kelliex taghti aditu ghall-inkejja u l-piki tal-kwerelantm, u f' kull kaz ma kelliex issib lill-esponenti hatja illi din hadet il-ligi b' idejha;

Illi hija l-umli opinjoni tal-imputata illi l-Ewwel Qorti naqset milli adegwatament tapprezza l-provi pprezentati quddimeha.

Ikkunsidrat,

Illi l-lanjanza ewlenija imressqa mill-appellanti hija marbuta mal-fatt illi tallega illi l-oggetti mertu ta' dawn il-proceduri u li l-parti leza jikkontendi li huma tieghu u li kien juzahom hu, kienu fil-fatt kollha mixtrija minnha u ghalhekk proprjeta taghha. Issa kif gustament gie deciz mill-Ewwel Qorti kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'. Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li gie mibdul unilateralment minn parti wahda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta'l-oggett li kien fil-pussess taghha qabel dak l-att spoljattiv. Issa li gara f'dan il-kaz kien illi minhabba l-fatt illi l-parti leza ghamel xi zmien jirrisjedi fid-dar ta'l-appellanti, minn liema proprjeta huwa gie imkecci minghajr ma inghata l-oggetti personali tieghu jew ghall ta'l-inqas uhud minn dawn l-oggetti, huwa beda isostni illi l-appellanti kienet qed tipprivah mill-uzu ta' dawn l-oggetti that il-pretensjoni illi dawn huma proprjeta taghha u ghalhekk ma kellhiex ghalfejn tghaddiehomlu.

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew migbura mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar fir-rigward. Jigi osservat biss illi:

**"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tieghu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli**.

**L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-*istatus quo*.**[1]"

Issa l-appellanti tikkontendi illi hija qatt ma spoljat lill-parti leza mill-uzu ta' xi oggetti proprjeta tieghu billi fl-ewwel lok, dawn l-oggetti kienu proprjeta taghha u ohrajn kienu soggetti ghal mandat ta' qbid mahrug kontra taghha mill-kwerelant stess u ghalhekk gew elevati mill-pussess taghha. Inoltre tishaq illi l-parti leza lanqas il-pussess ma kellu ta' dawn l-oggetti billi huwa kien biss jaghmel uzu minnhom meta kien jirrisjedi maghha. Kwindi hija qatt ma setghet kellha l-intenzjoni li tiehu il-ligi b'idejha fuq oggetti li ma kellhiex jedd ghalihom.

Issa l-azzjoni odjerna tikkoncerna zewg klassijiet ta' proprjeta mobbli u cioe' il-hwejjeg ta'l-parti leza u oggetti ohra tat-teknologija bhal *netbook*, *printer* u *cables*. Issa l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellanti billi irrizultalha illi ghal dak li jirrigwarda il-hwejjeg personali tal-parti leza, dawn certament kien jaghmel uzu minnhom hu u ghalhekk kienu fil-pussess tieghu ghalkemm jista' jkun li kienu gew mixtrija mill-appellanti, u fir-rigward ta'l-oggetti l-ohra ghalkemm hija tallega ukoll li dawn kienu proprjeta taghha u ukoll soggetti gal mandat ta' qbid mahrug mill-parti leza stess, l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi l-parti leza kien ukoll fil-pussess ta' dawn l-oggetti u gie ipprivat mill-uzu taghhom mill-appellanti. Tishaq l-Ewwel Qorti ghalhekk illi jekk l-appellanti dehrilha li dawn l-oggetti kienu proprjeta taghha, hija

[1] Il-Pulizija vs Jane Scicluna – App.Inf.

messha hadet azzjoni skont il-ligi u mhux qabbdet u zammet dawn l-oggetti li kienu qed jintallbu lilha mill-parti leza.

Illi minn dak li johrog mill-atti processwali jirrizulta illi l-appellanti qieghda tikkontendi illi hija proprejtarja ta'l-oggetti mertu tal-kawza, izda ukoll illi hija ghandha il-pussess taghhom billi dawn mhux biss gew akkwistati minnha izda jinsabu fir-residenza taghha. Illi minn naha tieghu l-parti leza jikkontendi illi l-oggetti huma tieghu u meta huwa gie kostrett jitlaq mid-dar ta'l-appellanti fejn kien jirrisjedi sal-mument li gie arrestat hu halla dawn l-oggetti warajh u ghalkemm talab lill-appellanti sabiex tirritornahhomlu hija baqghet tirrifjuta taghmel dan.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti ghandha ragun fil-konkluzjonijiet minnha raggunti. Dan ghaliex ma hemmx dubbju illi l-oggetti ta' abbiljament, ghalkemm setghu gew mixtrija mill-appellanti, madanakollu certament kien jaghmel uzu minnhom biss l-parti leza billi dawn huma hwejjeg ta'l-irgiel u din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida 'il ghala l-appellanti kellha tibqa' icahhad lill-parti leza minn dawn l-oggetti hlief ghar-raguni li baqghet twebbes rasha illi dawn kienu taghha ghax xtrathom hi. Illi fir-rigward ta'l-oggetti l-ohra u cioe' in-netbook, printer u cables, din il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm dawn kienu soggetti ghal mandat ta' qbid mahrug taht l-Awtorita tal-Qorti, fatt li jidher illi huwa inkontestat bejn il-partijiet, u allura l-appellanti certament ma setatx liberalment tiddisponi minnhom, madanakollu dawn ukoll kien jaghmel uzu minnhom l-parti leza u ghalhekk ma jistax jigi interpretat illi huwa kien qed jirrinunzja ghall-uzu li kien jaghmel minnhom. Meta dawn l-hwejjeg gew lilha mitluba l-appellanti irrifjutat li tirritornhom u dan taht il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt – u cioe' illi hija ghandha id-dritt li tehodhom jew li tipprivah minnhom – ghaliex kienet tal-fehma illi dawk kienu taghha u akkwistati minnha u ghalhekk ma kellux jehodhom lura fil-pussess tieghu. "Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi 'il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi' (ara appell kriminali Il-Pulizija vs George Zahra, 16 ta' Lulju 1958 – Vol. XLII.iv.1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tieghu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-

oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi ippruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.[2]"

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena li giet inflitta jidher illi l-Ewwel Qorti erogat piena gusta fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u allura ma hemmx lok illi din tigi varjata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[2] Appell Kriminali il-Pulizija vs Mario Bezzina dec 26/05/2004